



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Lulju 2018
(OR. en)

10230/18
PV CONS 34
AGRI 303
PECHE 238

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Agrikoltura u Sajd)
18 ta' Ġunju 2018

KONTENUT

Pàġna

1.	Adozzjoni tal-aġenda.....	4
2.	Approvazzjoni tal-punti "A"	4
a)	Lista mhux leġislattiva	4
b)	Lista leġislattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea).....	5

SAJD

Deliberazzjonijiet leġislattivi

3.	Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd	6
4.	Regolament li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill fir-rigward tal-kontroll tas-sajd	6

Attivitajiet mhux leġislattivi

5.	Komunikazzjoni dwar l-istat attwali tal-PKS u l-konsultazzjoni dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd għall-2019	6
----	---	---

AGRIKOLTURA

Deliberazzjonijiet leġislattivi

6.	Pakkett ta' riforma tal-PAK ta' wara l-2020	7
a)	Regolament dwar il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK	
b)	Regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK	
c)	Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) għal prodotti agrikoli	

Attivitajiet mhux leġislattivi

7.	Sitwazzjoni tas-suq	7
----	---------------------------	---

Affarijiet oħra

8.	a)	Rapport tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) tat-30 ta' Mejju 2018	8
	b)	Żieda fl-isforzi tal-UE biex titnaqqas it-theddida għan-naħal tal-għasel u pollinaturi oħra	8
	c)	Memorandum dwar il-PAK fil-kuntest tal-QFP li jmiss.....	8
	d)	Disponibbiltà inqas ta' ilma għall-agrikoltura f'Ċipru.....	8
	e)	Ipproċessar tal-istokkijiet tat-trab tal-ħalib xkumat	9
	f)	Sitwazzjoni fis-suq tal-laħam tal-majjal.....	9
	g)	Determinazzjonijiet finali għal dazji kontra s-sussidji u antidumping għaż-żebbuġ tal-mejda Spanjol mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti	9
	h)	Dikjarazzjoni konġunta tal-ministri għall-agrikoltura tal-grupp ta' Visegrad (ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovakkja), il-Bulgarija, il-Kroazja, is-Slovenja u l-Istati Baltiċi (l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja) dwar il-Viżjoni tal-Inizjattiva tal-Ewropa tal-Lvant Ċentrali għal Agrikoltura, Akkwakultura u Forestrija bbażati fuq l-Għarfien fil-Bijoeconomija "BIOEAST"	9
ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill			10

*

* *

1. **Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dok. 9730/18.

2. **Approvazzjoni tal-punti "A"**

a) **Lista mhux leġislattiva**

9531/18

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 9531/18 inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet relatati ma' dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

Għall-punt li ġej id-dokumenti għandhom jaqraw kif ġej:

Ambjent

12. Deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Art. 241 TFUE dwar ir-Regolament ta' Aarhus
Adozzjoni
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-13.06.2018

 9649/18 + ADD 1
+ **ADD 1 COR 1**
+ **COR 2**
9422/18
ENV

b) **Lista leġislattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

9733/18

Sajd

1. **Regolament li jemenda l-pjan pluriennali għall-Baħar Baltiku**
Adozzjoni tal-att leġislattiv
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-13.06.2018

  9721/18
PE-CONS 23/18
PECHE

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 43(2) TFUE).

2. **Regolament dwar il-pjan pluriennali tal-Baħar tat-Tramuntana** **IC** 9723/18 + COR 1
+ ADD 1
+ ADD 2 REV 2
PE-CONS 14/18
PECHE
Adozzjoni tal-att leġislattiv
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-13.06.2018

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, fejn id-Danimarka vvutat kontra, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 43(2) TFUE).

Dikjarazzjonijiet relatati ma' dan il-punt jinsabu fl-Anness.

3. **Regolament dwar l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO)** **IC** 9722/18
PE-CONS 17/18
PECHE
Adozzjoni tal-att leġislattiv
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-13.06.2018

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 43(2) TFUE).

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

4. **Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2018** **SC** 9324/1/18 REV 1
FIN
Adozzjoni
approvat mill-Coreper, Parti 2, fis-07.06.2018

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2018 kif jinsab fid-dokument 9324/1/18 REV 1.

Affarijiet Ġenerali

5. **Riforma tal-Att Elettorali** **S** 9756/18
9425/18
AG
Qbil fil-prinċipju
Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew
approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-15.06.2018

Il-Kunsill qabel fil-prinċipju, bil-Belġju u r-Renju Unit jastjenu, dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dok. 9425/18, u ddeċieda li jibgħatha lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.

6. **Regolament dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni (kodifika)**  9720/18
Adozzjoni tal-att leġislattiv PE-CONS 16/18
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-13.06.2018 CODIF
MI

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 338(1) TFUE).

SAJD

Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. **Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd**  9631/18
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni 9627/18 + ADD 1
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni tal-Kummissjoni tal-proposta tagħha u tal-ewwel kummenti li saru mid-delegazzjonijiet.

4. **Regolament li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill fir-rigward tal-kontroll tas-sajd**  9633/18 + COR 1
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni 9317/18 + ADD 1
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni tal-Kummissjoni tal-proposta tagħha u tal-ewwel kummenti li saru mid-delegazzjonijiet.

Attivitajiet mhux leġislattivi

Il-Kunsill indirizza l-punt ta' diskussjoni mhux leġislattiv li ġej. (5)

5. Komunikazzjoni dwar l-istat attwali tal-Politika Komuni tas-Sajd u l-konsultazzjoni dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd għall-2019 9771/18
9635/18
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
Skambju ta' fehmiet

Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

6. Pakkett ta' riforma tal-PAK ta' wara l-2020



9645/18 + COR 1
+ADD 1
9634/18 + COR 1
+ ADD 1
9556/18 + REV 1
+ REV 1 COR 1

- a) **Regolament dwar il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK**
- b) **Regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK**
- c) **Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) għal prodotti agrikoli**

*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni tal-Kummissjoni tal-proposti tagħha dwar il-Politika Agrikola Komuni futura.

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar il-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni.

Il-Kunsill ħa nota tal-"Memorandum dwar il-PAK fil-kuntest tal-QFP li jmiss", iffirmat mill-Ministri għall-Agrikoltura tal-Finlandja, Franza, il-Greċja, l-Irlanda, il-Portugall u Spanja, u appoġġat minn għadd ta' delegazzjonijiet oħra.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-informazzjoni pprovduta minn Ċipru dwar id-disponibbiltà li qed tonqos tal-ilma għall-agrikoltura f'pajjiżhom.

Attivitajiet mhux leġislattivi

Il-Kunsill indirizza l-punt ta'diskussjoni mhux leġislattiv li ġej. (7)

- 7. Sitwazzjoni tas-suq
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Affarijiet oħra

Il-Kunsill indirizza l-punti li ġejjin taħt "Affarijiet oħra". (8 a) - b))

8. Sajd

- a) Rapport tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) tat-30 ta' Mejju 2018 9934/18
Informazzjoni mid-delegazzjoni tan-Netherlands

Agrikoltura

- b) Żieda fl-isforzi tal-UE biex titnaqqas it-theddida għannaħal tal-għasel u pollinaturi oħra 9882/18
Informazzjoni mid-delegazzjoni Slovena, appoġġata mid-delegazzjoni Lussemburgiża u dik Pollakka
- c) **Memorandum dwar il-PAK fil-kuntest tal-QFP li jmiss** 10024/1/18 REV 1
Informazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża, Finlandiża, Griega, Irlandiża, Portugiża u dik Spanjola, appoġġati mid-delegazzjoni Kroata, Ċiprijotta, Ċeka, Ungeriża, Litwana, Lussemburgiża, Pollakka, Rumena u dik Slovakka
- d) **Disponibbiltà inqas ta' ilma għall-agrikoltura f'Ċipru** 10040/18
Informazzjoni mid-delegazzjoni Ċiprijotta

Punti 8 c), u d) ġew indirizzati taħt punt 6.

Il-Kunsill indirizza l-punti li ġejjin taħt "Affarijiet oħra". (8 e) - h))

- | | | |
|----|--|----------|
| e) | Ipproċessar tal-istokkijiet tat-trab tal-ħalib xkumat
<i>Informazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża</i> | 9502/18 |
| f) | Sitwazzjoni fis-suq tal-laħam tal-majjal
<i>Informazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka</i> | 10038/18 |
| g) | Determinazzjonijiet finali għal dazji kontra s-sussidji u
antidumping għaż-żebbuġ tal-mejda Spanjol mill-
awtoritajiet tal-Istati Uniti
<i>Informazzjoni mid-delegazzjoni Spanjola</i> | 10083/18 |
| h) | Dikjarazzjoni konġunta tal-ministri għall-agrikoltura tal-
grupp ta' Visegrad (ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-
Polonja, is-Slovakkja), il-Bulgarija, il-Kroazja, is-Slovenja
u l-Istati Baltiċi (l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja) dwar il-
Viżjoni tal-Inizjattiva tal-Ewropa tal-Lvant Ċentrali għal
Agrikoltura, Akkwakultura u Forestrija bbażati fuq l-
Għarfien fil-Bijoekonomija "BIOEAST"
<i>Informazzjoni mid-delegazzjoni Ungeriża</i> | 10025/18 |

-
- I** L-ewwel qari
- C** Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
- S** Proċedura legiſlattiva speċjali
-

DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-MINUTI TAL-KUNSILL

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġislattivi li jinsabu fid-dok. 9733/18

**Rigward il-punt
"A" nru 2:**

Regolament dwar il-pjan pluriennali tal-Baħar tat-Tramuntana
Adozzjoni tal-att leġislattiv

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL
dwar speċijiet ipprojbiti

"Ir-Regolament li għandu jiġi adottat abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi (2016/0074 (COD)) għandu jinkludi dispożizzjonijiet, fost l-oħrajn, dwar l-ispeċijiet li għalihom is-sajd huwa pprojbit. Għal dik ir-raġuni, iż-żewġ istituzzjonijiet qablu li ma jinkludux lista għall-Baħar tat-Tramuntana f'dan ir-Regolament (2016/0238 (COD))."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL
dwar il-kontroll

"Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser jinkludu d-dispożizzjonijiet ta' kontroll li ġejjin fir-rieżami li jmiss tar-Regolament dwar il-Kontroll (ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009) fejn rilevanti għall-Baħar tat-Tramuntana: notifikati minn qabel, rekwiżiti tal-ġurnal ta' abbord, portijiet magħżula u dispożizzjonijiet oħra ta' kontroll."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni se titlob il-meded tal-FMSY u punti ta' riferiment bijoloġiċi oħra mingħand il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES). Il-Kummissjoni tqis li, bħala regola ġenerali, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jissejsu fuq l-aqwa parir xjentifiku disponibbli pprovdut mill-ICES. Fil-każ improbabbli li l-ICES ma jkunx kapaċi jipprovdi l-meded tal-FMSY u punti ta' riferiment bijoloġiċi oħra, jew fejn ikun hemm raġunijiet serji biex wieħed jemmen li l-parir maħruġ mill-ICES ma jissodisfax ir-rekwiżit għall-aqwa parir xjentifiku disponibbli, l-opportunitajiet tas-sajd se jissejsu fuq l-aqwa parir xjentifiku disponibbli li jkun inħareġ jew ikun ġie rivedut minn korp xjentifiku indipendenti li huwa rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew dak internazzjonali."

DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU, ID-DANIMARKA, FRANZA, IL-LATVJA U SPANJA

"Il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Latvja u Spanja jqisu li l-mekkaniżmu propost għall-aġġornament tal-meded ta' FMSY huwa għodda ġdida li tista' tirrappreżenta titjib reali fil-ġestjoni tal-pjan pluriennali u l-flessibbiltà tiegħu. Madankollu, din l-għodda ġdida qajmet ukoll xi tħassib dwar ir-rispett tal-prerogattiva istituzzjonali ta' kull istituzzjoni. F'dan ir-rigward, il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Latvja u Spanja jitolbu evalwazzjoni interim annwali fil-Kunsill kull l-ewwel kwart tas-sena biex ikun ivvalutat jekk din l-għodda tiksibx dawk l-oġġettivi u jekk għandhomx jifittxu soluzzjonijiet intermedji."

DIKJARAZZJONI MID-DANIMARKA

"Id-Danimarka tilqa' l-proposta ta' kompromess finali għal pian pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana fejn id-Danimarka għandha interess konsiderevoli.

Għandna pjaċir ninnutaw it-titjib sostanzjali li sar fil-proposta waqt in-negożjati: Dan it-titjib irriżulta fi proposta ta' kompromess finali li tiffoka fuq l-ispeċijiet rilevanti. Instabet soluzzjoni sabiex jittieħed kont tal-aħħar parir xjentifiku dwar il-meded ta' FMSY u l-punti ta' referenza, u l-kompromess jibqa' lura milli jinkludi miżuri ta' kontroll addizzjonali, u jinkludi referenza għall-ġestjoni tal-istokkijiet ta' interess komuni.

Matul in-negożjati dwar din il-proposta, id-Danimarka enfasizzat il-ħtieġa għal referenza konkreta għat-tħassib dwar aspetti soċjoekonomiċi. Għalkemm konna nippreferu tali referenza fl-artikoli, napprezzaw ir-referenza fil-premessi.

Madankollu, kwistjoni waħda tal-akbar importanza għad-Danimarka tibqa':

Huwa kruċjali li tkun permessa l-flessibbiltà neċessarja fir-regolament b'rabta mal-istabbiliment tat-TACs, b'mod partikolari biex ikun possibbli għall-istokkijiet li għalihom id-data hija limitata li jieħdu kont ta' żieda fi stokk u s-sajd ta' dan l-istokk. Dan biex jippermetti l-flessibbiltà kontinwa maqbula mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-pjan attwali fit-tul għall-istokkijiet tal-bakkaljaw fil-Baħar tat-Tramuntana, Skagerrak u Kattegat (UE) 1342/2008, li ġiet applikata għaċ-ċirkostanzi speċifiċi fil-każ tal-bakkaljaw f'Kattegat. Id-Danimarka pproponiet dispożizzjoni f'konformità mal-pjan attwali fit-tul għall-istokkijiet tal-bakkaljaw fil-pjan pluriennali l-ġdid tal-Baħar tat-Tramuntana.

Peress li l-proposta ta' kompromess ma tinkludix referenza speċifika f'konformità mal-flessibbiltà fil-pjan dwar il-bakkaljaw, id-Danimarka ma tistax tappoġġa l-kompromess finali li għandu jġi adottat mill-Kunsill."